# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2024**

**Numru 10**

**Rikors Numru 396/24TA**

**AMD Consulting Limited (C-89599)**
**vs**
**Paragon Limited (C-34186)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' AMD Consulting Limited (is-Soċjeta' Attriċi) li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjetà esponenti hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont bilancjali ta' sitta u ghoxrin elf, disa' mija u tnejn u erbghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (**€26,942.72**) rappreżentanti bilanc ghal-servizzi rezi mis-socjetà esponenti lis-socjetà konvenuta, kif jirrizulta mill-statement of account hawn anness u mmarkata **Dok AD 1**.

2. Illi ghalkemm is-socjetà konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-ammont dovut minnha, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 5407/2023,

liema ittra ufficcjali hija annessa u mmarkata bhala **Dok. AD 2** u minkejja wegħdiet da parti tal-istess socjetà konvenuta li se tħallas dan l-ammont, hija baqgħet inadempjenti;

3. Illi s-soċjetà esponenti kellha għaldaqstant tintavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 623/2024 quddiem din l-Onorabbli Qorti kontra s-socjetà konvenuta għal dan l-istess ammont, u dan in kawtela tal-istess ammont dovut lilha skont l-annessa statement of account. Illi kopja ta’ dan il-mandat qed tigi annessa u mmarkata bhala **Dok. AD 3**;

4. Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment lill-esponenti.

5. Illi sa’ fejn taf is-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà konvenuta m'għandhiex eċċċezzjonijiet validi xi tressaq għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.

6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, is-soċjetà esponenti umilment titlob lil din 1-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din li kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta debitrici tas-societá rikorrenti fl-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf, disa’ mija u tnejn u erbghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€26,942.72) rappreżentanti bilanċ ghal-servizzi rezi mis-socjetà esponenti lis-soċjetà konvenuta kif hawn fuq deskritt;

3. Konsegwentement, tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex tħallas lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont hawn fuq indikat ta' sitta u ghoxrin elf, disa’ mija u tnejn u erbghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€26,942.72);

U dan taħt kull provvediment ieħor li din 1-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal mandat ta' sekwestru kawtelatorju 623/24, u tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 5407/2023 oltre l-imghaxx legali skont il-liġi kontra s-soċjeta’ konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat li din il-Kawża saret ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta

u għalhekk bil-proċedura sommarja speċjali.

Rat li s-Soċjeta' Paragon Limited (is-Soċjeta' konvenuta), notifikata kif trid il-liġi, baqgħet ma dehritx fl-ewwel seduta biex tgħid jekk għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti.

Semgħet ix-xhieda tal-uniku xhud imressaq mis-Soċjeta' Attriċi li kkonfermat li l-ammont mitlub għadu dovut.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti eżaminat l-atti kollha tal-Kawża. Rat ukoll illi s-Soċjeta' konvenuta lanqas ħadet interess li tattendi għall-ewwel seduta. Il-Qorti wara li qieset kollox hija tal-fehma li t-talbiet tas-Soċjeta' Attriċi għandhom ikunu milqugħa.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tielet talba** Attriċi u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lis-Soċjeta Attriċi s-somma ta' sitta u għoxrin elf, disgħa mija u tnejn u erbgħin ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€26,942.72) bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes kif mitluba għas-Soċjeta’ konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**